

Brussell, 9 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13724/21

ECOFIN 1070
UEM 339

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Novembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13171/21	
Suġġett:	Il-Futur tas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Novembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, approvati mill-Kunsill fit-3822 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Novembru 2021.

IL-FUTUR TAS-SEMESTRU EWROPEW
FIL-KUNTEST TAL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

- KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JINNOTA li fl-2020, il-qafas għall-koordinazzjoni annwali tal-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi madwar l-Unjoni Ewropea magħruf bħala s-Semestru Ewropew ġie aġġustat b'mod temporanju minħabba l-pandemija tal-COVID-19 biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi negattivi soċjoekonomiċi u fuq is-saħħa. Ċirkostanzi ekonomiċi ġodda u r-rispons Ewropew għall-kriżi tal-COVID-19 ikkawżaw aġġustament temporanju tas-Semestru Ewropew anki fl-2021 bi gwida politika li tiffoka biss fuq politiki fiskali, peress li ngħatat l-attenzjoni lit-tħejjija, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
2. JILQA' l-fatt li l-aġġustament tas-Semestru Ewropew fl-2020 u l-2021 inkluż dwar il-gwida fiskali kkontribwixxa għall-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat irkupru sostenibbli. JAQBEL li anki matul dan il-perijodu eċċezzjonali, is-Semestru Ewropew wera li huwa qafas kredibbli u flessibbli għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali u tal-impjiegi tal-UE.
3. JISSOTTOLINJA li s-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom ikomplu, mingħajr duplikazzjonijiet, biex jindirizzaw l-impatt tal-kriżi u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir fit-tul sostenibbli, dinamiku u inklużiv, biex b'hekk tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-ekonomiji tal-UE. JENFASIZZA li s-Semestru Ewropew għandu jkompli jiżgura sorveljanza komprensiva tal-politiki fiskali, finanzjarji, ekonomiċi u tal-impjiegi, u għandu jissorvelja mill-qrib ir-riskji u l-isfidi li jifdal u li qed jevolvu, jidentifika d-diskrepanzi fil-politika, u jiżgura s-segwitu tagħhom. Is-Semestru Ewropew għandu jagħti attenzjoni partikolari lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, li trid tkun mutur ewlieni fl-irkupru; għandu jippromwovi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb u l-inklużjoni soċjali.

4. JAPPELLA għar-ritorn rapidu għall-elementi ewlenin tas-Semestru Ewropew fiċ-ċiklu tal-2022, speċjalment billi jiddaħħlu mill-ġdid ir-rapporti tal-pajjiżi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jitqies il-proċess ta' rkupru li għaddej, l-inċertezzi relatati u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. JENFASIZZA li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jiffokaw fuq firxa komprensiva ta' sfidi li jikkonċernaw il-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi, inkluż daww b'effetti konsegwenzjali kbar.
5. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà u jiġu esplorati s-sinerġiji bejn is-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar, kull fejn possibbli, biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi u duplikazzjonijiet. JISTENNA B'INTERESS il-gwida bikrija tal-Kummissjoni dwar ir-rappurtar nazzjonali u r-rekwiżiti ta' monitoraġġ, speċjalment rigward ir-rekwiżiti minimi għall-programmi nazzjonali annwali ta' riforma.
6. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' djalogu miftuħ mas-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-politiki nazzjonali ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi matul iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew. Fehim reċiproku fuq bażi wiesgħa tal-ħtiġijiet tal-politika nazzjonali jista' jżid is-sjieda nazzjonali fis-Semestru Ewropew u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni mtejbja tar-riformi ta' politika rilevanti. JENFASIZZA li, flimkien mas-sjieda nazzjonali, trid tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess.
7. IFAKKAR li s-sorveljanza multilaterali u l-evalwazzjonijiet bejn il-pari relatati jibqgħu ċentrali fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE taħt is-Semestru Ewropew. JISSOTTOLINJA li l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika ta' kwalità għolja tal-Kummissjoni huma essenzjali għar-rieżamijiet multilaterali effiċjenti u l-azzjoni ta' politika nazzjonali sussegwenti.
8. JIRRIKONOXXI l-aspettattiva tad-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mill-2023. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi salvagwardjat l-irkupru ekonomiku, filwaqt li titqies ukoll l-inċertezza tal-prospettiva ekonomika u l-impatti asimmetriċi ta' din il-kriżi, filwaqt li jiġi żgurat li l-politika fiskali tkun aġli u aġġustata għaċ-ċirkostanzi, u s-sostenibbiltà fiskali tiġi ppreservata fuq il-perijodu medju.

9. JENFASIZZA l-importanza ta' monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew u l-komunikazzjoni tal-valutazzjoni annwali tal-progress fl-implimentazzjoni. Rendikont regolari fil-livell tal-UE u r-rieżamijiet bejn il-pari relatati jibqgħu kruċjali għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' riformi. JINNOTA li jista' jkun hemm bżonn ta' diversi snin biex jiġu implimentati b'mod effettiv riformi strutturali ewlenin, u għalhekk IFAKKAR fil-benefiċċji possibbli tal-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar politiki ekonomiċi strutturali inqas frekwenti minn annwalment, flimkien ma' valutazzjoni annwali.
10. JILQA' l-implimentazzjoni kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku anki matul il-pandemija tal-COVID-19 u fil-kuntest tal-inċertezzi ekonomiċi intensifikati relatati, inkluż ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2021 tal-Kummissjoni u l-analiżijiet fil-fond. JAPPELLA għall-monitoraġġ mill-qrib tal-evoluzzjoni ta' żbilanċi eżistenti u għat-tkomplija tal-viġilanza għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' żbilanċi ġodda wkoll. IFAKKAR li l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha potenzjal li tikkontribwixxi għall-korrezzjoni u l-prevenzjoni ta' żbilanċi.
11. JIPPJANA li jkollu diskussjonijiet fil-fond dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika li tnieda mill-ġdid mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru, u l-implikazzjonijiet potenzjali tiegħu fuq it-tħaddim tas-Semestru Ewropew, speċjalment fir-rigward tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.